**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 12 ta' Dicembru 2001**

**Numru 2**
**Citaz. Nru. 449/96 FDP**

**Paul Barbara u Carmela Barbara**

**Vs**

**John Brincat**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenut John Brincat talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' qbid numru 3308/95 CX, fl-ismijiet John Brincat vs Marco Barbara, in esekuzzjoni ta' sentenza fl-ismijiet moghtija

mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 1995;

Premess illi l-istess konvenut talab l-esekuzzjoni tal-mandat imsemmi fid-dar ta' l-atturi fl-indirizz "Lina Flats", Flat 4, John Borg Street, Birkirkara;

Premess illi in esekuzzjoni ta' l-istess mandat il-marixxall Carmel Xuereb qabad mid-dar ta' l-atturi (1) Television tal-kulur tal-marka Grundig; (2) Fridge li ghandha zewg bibien tal-marka Philips; (3) Salott li fih hames bicciet ta' kulur kannella; (4) Buqar tac-ceramika kbir bil-fjuri; (5) Coffee table ta' kulur il-kewba; u (6) Washing machine automatic tal-marka Galvanater;

Premess illi dawn l-oggetti kollha huma proprjeta` ta' l-atturi u mhux ta' Marco Barbara;

Premess illi l-atturi infurmaw b'dan kemm lill-marixxall qabel l-esekuzzjoni tal-mandat, kemm lill-konvenut tramite l-avukat u l-prokuratur legali tieghu, kemm tramite qraba tieghu, izda minkejja dan l-istess konvenut baqa' miexi u talab il-bejgh in subbasta (Subbasta numru 1/96) ta' l-oggetti fuq imsemmija minkejja li dawn mhumiex proprjeta` tad-debitur tieghu;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-oggetti mobbli fuq imsemmija maqbuda bil-mandat ta' qbid numru 3308/95 CX,

fl-ismijiet John Brincat vs Marco Barbara jappartjenu unikament lill-atturi;

2. Tordna konsegwentement ir-rilaxx mill-effetti ta' l-istess mandat ta' l-imsemmija oggetti mobbli;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tas-sospensjoni tas-subbasta numru 1/96, kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi, il-lista tax-xhieda minnhom indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepixxa:-

1. Illi l-mandat kellu jigi mizmum peress li l-oggetti maqbuda jew parti minnhom kienu proprjeta` ta' l-eccipjenti (!);

U ghamel ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Illi l-attur ipprezenta din il-kawza wara li kien inhareg mandat ta' qbid kontra ibnu Marco li dak iz-zmien kien jirrisjedi fid-dar tieghu; meta il-marixall esegwixxa dan il-mandat fid-dar matrimonjali ta' l-atturi (fejn kien ukoll joqghod l-imsemmi Marco), dan eleva diversi oggetti u l-atturi mill-ewwel qalulu li dawk l-oggetti ma kienux ta' binhom imma kienu taghhom;

Illi b'dan l-attur informa wkoll lill-konvenut personalment izda dan xorta ghazel li jipprocedi bil-proceduri li kien beda u talab li l-oggetti maqbuda jinbieghu in subasta; kien ghalhekk li l-atturi talbu s-sospensjoni tal-bejgh ordnat u ntavolaw il-kawza odjerna;

Illi l-attur ipprezenta l-affidavit tieghu fil-bidu tal-kawza waqt li l-konvenut ma pprezenta ebda risposta anzi skond il-Verbal tas-Seduta tas-7 ta' Novembru 1997: "*fid-dawl tad-dikjarazzjoni ta' l-attur, accetta li dawk il-mobbli kienu tieghu*" u f'dak ta' l-1 ta' April 1998 "*id-difensuri tal-partijiet li nfurmaw lill-Qorti li kien intlahaq ftehim u talbu differiment ghat-tassazzjoni u hlas*"; kif ukoll f'dak tat-12 ta' Marzu 1999 li "*l-meritu kien ezawtit*";

Illi b'dana kollu fl-10 ta' April tas-sena 2000 il-konvenut ipprezenta nota li tinsab a fol. 34 tal-process fejn tramite l-avukat tieghu "*diga` informa lill-avukat ta' l-attur li ma ghandux aktar interess fil-mandat in kwistjoni u ser jipprocedi biex jigi rtirat. Ghalhekk ma kienx il-kaz li tinghata sentenza fuq il-meritu u ghandha tigi ceduta l-kawza biex jigu evitati*

*aktar spejjez. Il-konvenut jobbliga ruhu li jhallas l-ispejjez tal-kawza 'come ceduta'."*

Illi nonostante l-imsemmi impenn li kien ser jipprocedi biex jirtira l-mandat in kwistjoni dan ma jidhirx illi sehh pero` fit-8 ta' Frar tas-sena 2000 rega' ipprezenta rikors iehor fejn stqarr: "*Illi ma hemmx il-htiega li tinghata sentenza peress li kif l-avukat sottoskritt, kif diga` informa lill-avukat ta' l-attur, John Brincat (il-konvenut) joqghod fuq il-kelma ta' l-attur li l-mobbli maqbuda bil-mandat ma humiex proprjeta` tad-debitur tieghu u cioe` bin l-attur u ghalhekk kien utili li tigi sospiza il-prolazzjoni tas-sentenza biex jigu evitati spejjez inutili u ghaldaqstant talab bil-qima li dina l-Qorti joghgobha tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza."*

Illi mill-atti jidher illi nonostante din it-talba l-konvenut xorta baqa' ma rtirax il-mandat de quo u dan kif gie konfermat mid-difensur tieghu fl-Udjenza tal-21 ta' Marzu ta' din is-sena, meta sahansitra impenja ruhu li hu kien ser jitlob il-hrug ta' l-opportun kontro-mandat fi zmien tlett gimghat minn dik id-data. Bhal ma jirrizulta mill-verbal ta' l-Udjenza ta' wara dan baqa' ma sarx u ghalhekk il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza in difett ta' ostakolu wara li awtorizzat lill-konvenut jipprezenta nota bil-visto tal-kontro-parti; dan ukoll ma jirrizultax illi sar u ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi biex tiddeciedi din il-kawza.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut;

Tilqa' it-talbiet attrici kif dedotti fic-citazzjoni.

L-ispejjez jithallsu kollha mill-konvenut.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur